# L- *Actio Manutentionis*

**ROBERT MUSUMECI**

*Dr Robert Musumeci huwa avukat u perit. Huwa ottjena wkoll Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings mill- Universita' ta' Malta. Huwa waqqaf id-ditta ta' Periti RMPERITI u sussegwentement ottjena l- warrant ta' avukat. Huwa serva bhala cermen tal- Kunsill Konsultattiv dwar l- Industrija tal- Bini bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bhala konsulent tal-Prim Ministru ta' Malta u kien strumentali fir-riformi wara d-demerger tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar u t-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet. Dr Musumeci rebah il-'Best Doctor of Laws Thesis Award 2016'* ghall- publikazzjoni *'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'. Prezentement, Dr Musumeci iservi lill- Gvern ta' Malta bhala konsulent tekniku – legali.*

## X'inhuma l-karatteristiċi ta' l-*actio manutentionis*?

Il-partikularitajiet li jiddistingwu l-*actio manuntentionis* ma jistgħux jinftiehmu jekk ma nevalwawx il-karatteristiċi ta' l-*actio spolii*.

## X'tgħid il-liġi

L-**Artiklu 534** tal-**Kap. 16** hu l-*actio manutentionis* li jistipula li:

"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, **ta' liema xorta jkun**, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalita` ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestja, **jitlob li jinżamm f'dak il-pussess**, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, **jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju**".

Illi min-naħa l-oħra fl-essenzjalita` tiegħu l-**Artiklu 535** tal-**Kap. 16** hu l-*actio spolii* li jistupula li:

*"1. Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, **ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni** ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista' fi żmien xahrejn mill- ispoll, titlob,*

*b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li **terġa tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni**, kif jingħad fl-**Artiklu 791** tal- **Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**;*

*2. Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi mill- qorti wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll."*

## 'Tinżamm fil-pussess' -vs- 'Terġa tiġi mqiegħda f'dak il-pussess'

Bosta ippruvaw jagħmlu din id-distinzjoni bil-mod kif gej:

L-*actio manuntentionis* hi azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (**Artiklu 534**).

Dan ifisser li l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqax jiġi mfixkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa.

L-*actio spolii* hi azzjoni għar-radd tal-pussess (**Artiklu 535**). Dan ifisser li l-attur jitlob li jerġa jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżża bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess.

B'hekk, l-*actio manutentionis* hi ntiża biex twaqqaf il-molestji li tkun qed tagħmel il-parti molestanti, *ergo* biex tassigura l-godiment paċifiku tal-pussess u biex tinibixxi kwalunkwe att li jittraduċi ruħhu f'ostaklu għall-pussess paċifiku u allura l-molestja tiddesisti – **u mhix intiża biex tirrintegra l-pussess**.

Fuq dal-punt, il-Borsari jgħid hekk: "*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazzione: in quell caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia in questo il possesso e' perduto*"

## X'sura għandu jkollha l-molestja?

Kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor.

## Min jista' jmexxi b'din l-azzjoni?

Din l-azzjoni tingħata biss lil min ikollu l-pussess– ikun ta' liema xorta jkun **basta** li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, **jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju.**

Il-karatteristiċi tal-pussess essenzjali għall-*actio manutentionis* gew ferm tajjeb rimarkati fil-każ mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Stacy Chircop -vs- Maria Spiteri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 2016, fejn ingħad:

*"Jekk tqabbel l-Artikolu 534 dwar l-actio manutentionis mal-Art. 535 dwar l-actio spolii, tinnota li waqt li l-Artikolu 534 irid "il-pussess ta' liema xorta jkun", l-Art.535 irid il-'pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni.' Huwa ovvju għalhekk, li* ***l-kliem "il-pussess, ta' liema xorta jkun" (fl-actio manuntentionis) ma jinkludix id-detenzjoni, għax li kien hekk, il-kliem '….jew id-detenzjoni' fl-Artikolu 535 kien ikun superfluwu****."*

L-*actio manutentionis* allura tista' tiġi eżerċitata biss minn min ikollu "pussess", fis-sens tal-liġi, tal-proprjeta' in kwistjoni.

Dan ifisser li fil-każ tal- *manutentiois*, għall-kuntrarju ta' l-*actio spolii*, **inkwilin – li huwa detentur** - ma jistax jipproponi din l-azzjoni. Dan *siccome* kif jgħid it-Trabucchi, *"la detenzione – che e' la situazione possessoria base – consiste nell' avere la disponibilta' di una cosa, ossia nell' avere la disponibilita' di utilizzarla tutte le volte che si voglia, senza bisogna di superare ostacoli seri u duraturi …."*

Mill-banda l-oħra, huwa indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, *in buona fede* jew *in mala fede* u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik ittgawdija tkun "*animo domini*".

## Iz-zmien ta' sena biex tmexxi l-azzjoni

Min jitlef il-pussess ma jistax iressaq din l-azzjoni wara li jkun għadda l-perjodu ta' sena. Illi għalhekk, min materjalment jitlef il-pussess *in disamina* ma jitlifx il-pussess legali minnufih *stante* li jzomm il-pussess *solo animo* għal sena.